MEJJU 2019 - Nru. 472

Nafuha l-istorja ta' Żakkew, li kien kap tal-pubblikani u sinjur. Kellu xewqa kbira li jara min kien Ġesù ta' Nazzaret. Imma ma setax minħabba l-folla, u minħabba l-fatt li kien raġel qasir.

Nistaqsu: f'ħajjitna, teżisti din ix-xewqa li nkunu nafu min hu Ġesù?

Żakkew sab żewġ ostakli li kienu qed jimpeduh milli jara lil Ġesù: ostaklu li sab 'il barra minnu: il-folla, u ostaklu li kellu fih: il-fatt li kien raġel qasir.

F'ħajjitna, x'inhuma l-ostakli li ġejjin minn barra u li qed jimpeduna milli naraw lil Ġesù: il-bumbardament ta' idejat mill-*media* soċjali, li kultant anki saħansitra jmorru kontra t-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu? Il-ġirja biex inlaħħqu mal-impenji tagħna, u li spiss tħallina bla nifs … ?

U x'inhuma l-ostakli li ġejjin minn ġewwa fina u li jimpeduna milli naraw lil Ġesù u nagħrfuh? Forsi dak il-vizzju li dejjem naqgħu fih … il-pornografija, il-kilba għall-flus, il-vizzju tad-dagħa …?

Żakkew ma waqafx hemm. Sab soluzzjoni: mar jixxabbat ma' siġra fil-ġenb tat-triq li minnha kien ser jgħaddi Ġesù. U mhux talli ra lil Ġesù, iżda talli Ġesù lemaħ lilu, u stieden lilu nnifsu sabiex jiġi għandu. U Żakkew nidem dakinhar u nbidel!

Aħna x'ser nagħmlu? Sejrin infittxu dik is-siġra tagħna li terfagħna 'l fuq minn dak kollu li qed jgħaddasna fid-dnub? Se nħalluh lil Ġesù jiġi f'qalbna meta hu jilmaħna fuq is-siġra tagħna?

Liema hi s-siġra tiegħek?

it-Triq
ma' KRISTU
l-ferħ possibbli

fuljett ta' kull xahar maħruġ minn grupp ta' talb fost Il-ħaddiema

Nru. 472
Mejju 2019

Editorjal

Ħbieb,

Issib min kollox fil-ħajja. Jgħidu li għalhekk l-umanità sabiħa, għax kulħadd magħmul differenti, min għandu karattru mod u min mod ieħor.

Fost in-nies li tiltaqa' magħhom, issib min hu pożittiv, u tarah dejjem bi tbissima fuq fommu. Dawn it-tip ta' nies iġibu atmosfera ta' ferħ madwarhom. Arahom dejjem lesti b'dik il-kelma ta' kuraġġ għal min jinsab f'xi diffikultà f'ħajtu.

Hawn min jaħseb li dawn it-tip ta' nies ma jkollhomx problemi fil-ħajja tagħhom, jew li xortihom tajba. Xejn minn dan. Dażgur li jkollhom problemi. U ġieli jkunu problemi kbar ukoll. Din mhix kwistjoni ta' xorti tajba. Imma hija kwistjoni tal-atteġġjament li jkollhom lejn il-ħajja, atteġġjament li bih jirnexxielhom jibqgħu pożittivi.

Issib li dawn in-nies ma joqogħdux ifittxu l-ferħ fl-affarijiet tal-ħajja li jġiegħlu lil dak li jkun ma jkun kuntent qatt. Anzi bil-maqlub: dawn għarfu l-ferħ li jiġi mill-qalb u mhux mill-akkwisti tal-ħajja. Għax min il-ferħ tiegħu jiddependi fuq kemm se jkollu ġid f'ħajtu, jispiċċa ma jkun kuntent qatt għax meta jakkwista xi ħaġa, idur għal ħaġ'oħra, imbagħad oħra, u jibqa' sejjer hekk bla serħan, bla waqfien.

Kemm hu sabiħ u tajjeb ħabib meta tkun pożittiv, u tfittex il-ferħ fil-fond ta' qalbek; ikun tajjeb għalik u għal dawk ta' madwarek.

Waslu l-eżamijiet !

San Ġużepp ta' Copertino huwa l-qaddis Protettur tal-istudenti waqt l-eżamijiet. Kurjuża hux għaliex dan il-qaddis ġie magħżul appuntu għalhekk.

L-ewwel ħalli nagħtu ftit dettalji dwaru. Ġużeppi twieled fl-1603 f'Copertino, belt fil-Calabria, l-iżgħar fost 6 aħwa f'familja b'għeruq sodi ta' Kristjaneżmu. Miet ta' 60 sena fit-18 ta' Settembru 1663.

Għalkemm dan il-qaddis kien jistudja ħafna qabel kull eżami, miskin kien jinsa kollox. Kien devot kbir tal-Madonna u kien jitlobha spiss biex tgħinu.

Darba hu u sħabu kellhom eżami quddiem l-Isqof. Hu kien imissu l-aħħar wieħed. Ġużeppi, bħal ma jagħmel is-soltu, talab bil-qalb lill-Madonna biex tfakkru f'dak li studja. Wieħed mill-istudenti li kien qablu kien tant bravu u intelliġenti li l-Isqof ħaseb li l-istudenti kollha kienu ppreparati bħalu, u allura ddeċieda li jgħaddi lil kulħadd mill-eżami.

Darb'oħra waqt li kien sejjer għal eżami ieħor, nesa kollox u beda jitlob lill-Madonna tgħinu. Kien baqa' jiftakar biss f'silta tal-Evanġelju fejn tissemma l-Madonna. U l-Isqof staqsieh propju biex isemmi silta mill-Bibbja fejn tissemma l-Madonna. Ġużeppi tant tkellem tajjeb fuq il-Madonna li l-Isqof għaddieh bla diffikultà ta' xejn u għamlu saċerdot. Dan l-episodju seħħ fl-1677.

San Ġużepp ta' Copertino

Minħabba f'hekk San Ġużepp ta' Copertino ġie maħtur patrun ta' dawk li jkunu ser jagħmlu l-eżamijiet.

Għeżież żgħażagħ, kuraġġ fl-eżamijiet ... hemm min jgħinkom.

‘... l-isbaħ kreatura li għamilt!’

Sabiħa din il-leġġenda, u fiha sinifikat qawwi ta’ verità fiha ...

Meta l-Mulej kien qed joħloq l-omm, kien wasal fis-sitt jum, u l-anġlu li kien qribu ma felaħx jara lill-Mulej jaħdem aktar. Għalhekk bil-ħlewwa qallu: ‘Mulej, għaliex qed tieħu dan il-ħin kollu biex toħloq din il-kreatura?’

Il-Mulej wieġbu: ‘Lil din il-kreatura rrid nagħmilha tajba kemm jista’ jkun. Irrid li fi ħdanha tilqa’ t-tfal kollha tagħha;
irrid li jkollha bewsa li tfejjaq minn girfa sa qalb maqsuma;
irrid li jkollha sitt pari jdejn biex tgħin lil kulħadd.’

L-anġlu kemmex xufftejh. Il-Mulej induna u qallu: ‘Il-problema kienet biex nagħmlilha tliet pari għajnejn: par biex tara xi jkun qed isir wara xi bieb magħluq; it-tieni par fuq wara, biex tara xi jkun qed isir minn wara daharha; u t-tielet par biex tiċċekkja xi tifel imqareb u b’saħħitha turih li tifhmu u tħobbu, bla ma jkollha bżonn tlissen kelma.’

L-anġlu talbu jieqaf u jistrieħ ftit, iżda l-Mulej baqa’ għaddej biex ilesti dik l-opra ta’ jdejh, waqt li qal lill-anġlu: ‘Din il-kreatura ħaditli ħafna xogħol, imma ġiet għal qalbi ħafna. Irridha tkun kapaċi tfejjaq lilha nnifisha, biex taħdem u ddur bil-familja li jkollha. Għalkemm meta tmiss qalbha din tinħass ratba, għamiltha soda u kapaċi tirreżisti u twettaq dak li għandha tagħmel. Għamiltha kapaċi taħseb, tirraġuna u tikkonvinċi bi kliemha. Lesta tinsa lilha nnifisha għall-familja tagħha u għal ħaddieħor. Iva, tassew li l-omm hija l-isbaħ kreatura li għamilt!’

Imbagħad l-anġlu ġibidlu l-attenzjoni, għax minn għajnejha ra xi ħaġa tnixxi, biex jirranġahielha. Imma l-Mulej qallu: ‘Dik hija demgħa u biha tkun kapaċi tesprimi l-ferħ, in-niket, l-uġigħ, id-diżappunti, is-solitudni, id-dispjaċiri u s-sentimenti l-oħra tagħha.’ Hawn l-anġlu faħħar lill-Mulej u qallu: ‘Mulej, tassew li inti ġenju. Għal kollox ħsibt, saħansitra ħlaqtilha demgħa ukoll.’ Il-Mulej ħares lejh u qallu: ‘Għandek żball ta. L-omm ħlaqtha jien tassew, imma d-demgħa ħalqitha hi!’



De La Salle



Il-Papa Franġisku ddikjara din is-sena bħala s-Sena tal-Ġublew fl-okkażjoni tat-300 sena mill-mewt tal-qaddis Franċiż San Ġwann Battista De La Salle (ritratt lemin).

Fl-1684, dan il-qaddis, flimkien ma' tnax-il dixxiplu tiegħu, għamlu l-professjoni temporanja u poġġew il-kongregazzjoni tagħhom taħt il-ħarsien speċjali tal-Madonna. Dan kien il-bidu tal-komunità tal-*Brothers* li jiddedikaw ruħhom għas-sistema reliġjuża tal-iskejjel.

Fil-fatt aktar tard, dan il-qaddis, bil-metodi pedagoġiċi tiegħu, wassluh għat-twaqqif ta' studju għall-gradwati, l-organizzazzjoni tal-klassijiet ta' nhar ta' Ħadd, kif ukoll skejjel ta' snajja għas-subien bejn is-7 u l-20 sena.

Din hija silta mit-testment ta' San Ġwann Battista De La Salle li kien kiteb ftit tal-ġranet qabel ma miet:
'Jiena nirrikomandalhom ukoll li jkollhom devozzjoni kbira lejn il-Mulej Sidna, imħabba kbira lejn l-Ewkaristija u l-prattika tal-meditazzjoni; devozzjoni kbira wkoll lejn l-Imqaddsa Verġni Marija u San Ġużepp, il-patrun u l-protettur tal-istitut tagħhom. Biex iwettqu xogħolhom b'żelu kbir u mingħajr interessi personali, ikollhom għaqda kbira bejniethom u ubbidjenza għamja lejn is-superjuri tagħhom, li huma l-pedament u ż-żamma ta' kull perfezzjoni f'komunità.'

Dan il-qaddis miet nhar il-Ġimgħa l-Kbira tal-1719 - 300 sena ilu - meta kellu 68 sena. Kien iddikjarat qaddis flimkien ma' Santa Rita fl-1900 mill-Papa Ljun XIII. Il-Papa Piju XII fl-1950 iddikjarah qaddis patrun tal-għalliema. Il-festa ta' San Ġwann Battista De La Salle issir dan ix-xahar - eżattament fil-15 ta' Mejju.

Nirringrazzjaw lill-Mulej li aħna, hawn Malta għadna ngawdu mill-*Brothers* li waqqaf dan il-Qaddis.

Mara speċjali tabilħaqq!

Sa mill-bidu tal-Knisja, l-insara urew imħabba kbira lejn il-Madonna u bdew iqimuha bħala Omm is-Salvatur tal-umanità kollha u l-protettriċi tal-Knisja. Fehmu li kienet hi li ġabet fid-dinja l-Iben t'Alla u li kienet miegħu fiċ-ċirkustanzi l-aktar solenni ta' ħajtu.

Kienet hi li waqfet mal-Appostli fiċ-ċenaklu qabel ma' l-Knisja ġiet imnedija mill-Ispirtu s-Santu nhar l-Għid il-Ħamsin.

Huma fehmu wkoll li fiċ-ċentru tal-misteri ta' Marija hemm il-maternità divina tagħha. Infatti din kienet l-ewwel duttrina li ġiet żviluppata: Marija Omm Ġesù ... Marija Omm Alla.

Il-maternità divina ta' Marija ġibdet warajha duttrina oħra: dik tal-Immakulat Konċepiment tagħha mid-dnub.

Ta' min jgħid ukoll li d-domma tal-Immakulata ġabet magħha domma oħra: dik tal-Assunta. Għax jekk Marija qatt ma kellha dnub, hi ma setgħetx tara t-taħsir fil-qabar, imma ġiet imtellgħa s-sema biex fil-glorja tibqa' l-idejal ta' kull nisrani. Għax it-tagħlim tal-Knisja dejjem jgħallimna li aħna mhux biss għandna nħobbu lil Marija għax hi Omm Ġesù u Ommna lkoll, imma wkoll li nimitawha fil-virtujiet tagħha. Hija l-omm li tieħu ħsiebna, li tieqaf magħna u li tħobbna tassew kif omm vera tħobb lil uliedha.

When we were little, we kept close to our mother
in a dark alley or if dogs barked at us.
Now, when we feel temptations of the flesh,
we should run to the side of our Mother in Heaven,
by realizing how she is to us, and by means of aspirations.
She will defend us and lead us to the light.

Saint Josemaria Escriva

Niżżel fid-djarju tiegħek

L-Erbgħa, 1 ta' Mejju 2019 - **San Ġużepp Ħaddiem / Jum il-Ħaddiem**
Nitolbu lil San Ġużepp iħares lilna l-ħaddiema. Tajjeb li nqaddsu dan il-jum bis-smigħ tal-quddies u nkunu disposti li nitqarbnu;

Il-Ġimgħa, 3 ta' Mejju 2019 - **L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar**
Id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù għandha tħeġġiġna sabiex f'xi ħin tal-ġurnata nattendu għall-quddies u nkunu disposti li nitqarbnu;

Is-Sibt, 4 ta' Mejju 2019 - **L-Ewwal Sibt tax-Xahar**
Tkun ħaġa sabiħa li fl-ewwel Sibt tax-xahar nattendu għall-quddies u nkunu disposti li nitqarbnu, u ngħidu r-Rużarju b'devozzjoni lejn il-Qalb bla tebgħa ta' Marija;

Il-Ħadd, 12 ta' Mejju 2019 - **Jum l-Omm**
F'dan il-jum speċjali naħsbu fl-għeżież ommijiet tagħna, kemm dawk li għadhom magħna, kif ukoll dawk li jinsabu fil-mistrieħ ta' dejjem.

Mis-suq tal-ħajja

Illum, wara li t-temp iffriska ftit mis-sħana li qed tagħmel bħalissa, fettilli ninżel nimxi mixja. Fis-suq tal-ħajja.

U, waqt li kont qed nimxi, rajt prodott li aqta' kemm laqatni! Kien jismu 'L-Issa Etern'. Kos hux! L-Issa Etern? Iva! L-issa li jibda' issa u m'għandux tmiem. L-issa li qed isejjaħli biex noqgħod nisimgħu ftit. Ħa jgħallimni xi ħaġa. Jiftaħli għajnejja f'xi ħaġa. Jagħmilli kuraġġ f'xi ħaġa. U jurini t-triq għal xi ħaġa. L-issa Etern! Li fih ħafna u ħafna possibiltajiet! Għax bħalma issa nista' nibqa' naqta' qalbi, issa nista' ukoll nagħmel kuraġġ u nagħti l-ewwel pass! Issa dejjem issa, u la għandi l-ħajja, issa hu l-waqt!

Mulej, agħtini l-kuraġġ ħalli Issa nibda' nagħmel xi ħaġa!
Għax issa hu tiegħi! Amen.

Patri Mario Attard OFM Cap

Drops Of Laughter

A boy with a monkey on his shoulder was walking down the road when he passed a policeman who said, "Now, now young lad, I think you had better take that monkey to the zoo." The next day, the boy was walking down the road with the monkey on his shoulder again, when he passed the same policeman. The policeman said, "Hey there, I thought I told you to take that money to the zoo!" The boy answered, "I did! Today I'm taking him to the cinema."

Question: Why is England the wettest country?
Answer: Because so many kings and queens have been reigning there.

Drops Of Wisdom

Be the change that you wish to see in the world.
Mahatma Gandhi

Nothing we do can change the past, but everything we do changes the future. *Ashleigh Brilliant*

An obstacle is often a stepping stone.

Your life is your story. Write well. Edit often.

Il-ħarġa tal-fuljett 'It-Triq' qed niddedikawha lil ħabib tagħna li ġentilment għamel offerta sabiħa għall-ispejjeż ta' dan l-istess fuljett. Waqt li nirringrazzjawh, inwegħduh it-talb tagħna. Grazzi.

Id-Direzzjoni

Jekk tixtieq twaqqaf l-abbonament tiegħek f'dan il-fuljett, nitolbuk tinforma lid-direzzjoni billi tiktbilna fl-indirizz postali jew elettroniku li jidhru hawn taħt.

Kull korrispondenza għandha tintbagħat lil: Paul Schembri
Indirizz: 73 'Terezita' Triq Birbal Balzan BZN 9015
Tel: 21440384 e-mail: it-triq@camline.net.mt w: www.it-triq.org